MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 174/1999/3

**Joseph Galea, u b'nota ta' assunzjoni tas-16 ta' Mejju 2005,
Leeann Galea bhala mandatarja specjali ta' l-istess Joseph Galea assenti, u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2007, Joseph Galea assuma l-atti tal-kawza peress li llum jinsab residenti Malta**

**v.**

**Anton u Bella mizzewga Cassar u Anthony u Giuseppa mizzewgin Cassar u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2002 l-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph, Anton Cassar, Geswalda sive Alda mart Eugene Bugeja, Paul, Carmen mart Paul Camilleri, u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2007, stante l-mewt ta' Carmen**

**Camilleri l-atti gew trasfuzi f'isem zewgha Paul Camilleri u wliedu Pierre Paul Camilleri, Maureen Anne Saliba u Claire Pauline Xuereb; Anna mart Emanuel Grima, Maria mart Anthony Xerri, u Giuseppa armla ta' Anthony Cassar bhala rapprezentanta ta' l-imsiefrin Emmanuel, Assunta mart l-attur Joseph Galea, Victoria mart Nazzareno Farrugia, Josephine mart Joseph Apap u George Ikoll ahwa Cassar stante l-mewt ta' Anthony Cassar fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, fis-26 ta' April 2005, li fiha gie ritenut u deciz hekk:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

"Illi huwa kien halla f'idejn il-konvenuti bhala depozitarji diversi oggetti mobbli proprjeta` tieghu waqt illi l-attur kien qieghed imsiefer liema oggetti kienu gew deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 414/94 u li jinsabu mizmuma f'garage li jaghmel mad-dar tal-konvenuti Anthony u Giuseppa mizzewgin Cassar;

"Illi l-attur kien ukoll halla f'idejn il-konvenuti bhala depozitarji Anton u Bella mizzewgin Cassar dghajsa registrata bin-numru 4744S u karozza 'Alfa Sprint' numru tar-registrazzjoni H5591, proprjeta` ta' l-attur, u dana waqt li kien imsiefer, u l-istess konvenuti Anton u Bella mizzewgin Cassar klandestinament u bi frode konvertew l-istess dghajsa u karozza fuq imsemmija ghall-beneficcju taghhom u ddisponew minnhom;

"Illi l-attur kien halla lill-konvenut Anton Cassar bhala mandatarju tieghu sabiex jamministra fost affarjiet ohra l-flus tieghu li kienu depozitati fil-kont tieghu ma' bank lokali, u l-attur nonostante l-opposizzjoni ta' l-attur, gibed l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) mill-imsemmi kont bankarju u hallas dan l-ammont lit-terzi

meta dan l-ammont ma kienx dovut, u ghadu sal-lum mhux dovut, u ghamel dan b'abbuz tal-prokura lilu moghti;

"Talab, ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

"1. tikkundanna lill-konvenuti kollha jew min minnhom jinsab responsabbli biex jirritornaw l-imsemmija oggetti mobbli, dghajsa u karozza fi zmien qasir fi stat tajjeb, u l-imsemmi ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000), u perentorju (sic!) li jigi prefiss lilhom minn dina l-Qorti; u

"2. tikkundanna dawk l-istess konvenuti jew min minnhom jinsab responsabbli skond l-ewwel talba li fin-nuqqas li jonqsu jottemperaw ruhhom illi jirritornaw dawn l-oggetti imsemmija jew mhux fi stat tajjeb jew jonqsu minhabba xi raguni ohra, jhallsu lill-attur id-danni li jigu likwidati minn dina l-Qorti konsistenti fil-valur ta' l-oggetti li ma jigux konsenjati fit-terminu prefiss skond l-ewwel talba;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-9 ta' Jannar 1995, u tat-3 ta' Settembru 1999, u ta' l-imsemmi Mandat ta' Deskrizzjoni numru 414/94.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur flimkien mal-lista tax-xhieda;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konjugi Anthony u Giuseppa konjugi Cassar li eccipew:

"1. preliminarjament, l-irregolarita` tan-notifika tac-citazzjoni stante li Anton u Bella konjugi Cassar ma jirrisjedux fil-fond 43, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, u kulma giet notifikata kienet biss kopja wahda tac-citazzjoni lil Giuseppa Cassar. Ic-citazzjoni ghalhekk ma gietx regolarment notifikata lill-partijiet kollha;

"2. fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-attur irid jipprova li huwa ghandu l-jedd esklussiv ghall-oggetti imsemmija fil-Mandat ta' Deskrizzjoni 414/94 u hadd izjed hliefu;

"3. l-eccipjenti m'humiex jirrifjutaw li l-attur jiehu l-oggetti imsemmija fil-mandat kemm-il darba jipprova li huma tieghu u tieghu biss billi l-attur qieghed jagixxi f'din il-kawza f'ismu personali u ghan-nom ta' hadd aktar u wara li jigi likwidat u mhallas mill-istess attur kumpens gust ghaz-zmien li l-istess oggetti damu depozitati f'idejn l-eccipjenti u fil-proprjeta` taghhom.

"4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar li eccepew:

"1. fl-ewwel lok l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma huwiex moghti lill-attur id-dritt illi jagixxi dwar hwejjeg u oggetti illi jappartjenu lill-*ormai* xolta komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu Maria Assunta maghrufa bhala Sonia Galea minghajr l-intervent u adezjoni ta' l-imsemmija Maria Assunta sive Sonia Galea;

"2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, Bella Cassar ma hijiex il-legittima kontradittrici ta' l-attur ghaliex fil-mument illi l-attur allegatament fada l-oggetti tieghu lill-konvenuti l-ohra hija lanqas biss kienet mizzewga lil Anthony Cassar u ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-attur;

"3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156 u 2157 tal-Kodici Civili;

"4. illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-konfront ta' l-eccipjenti fid-dritt u fil-fatt in kwantu fl-ewwel lok m'huwiex veru illi l-esponenti rcevew minghand l-attur xi oggetti kwalsiasi bhala depozitarji;

"5. illi lanqas huwa veru illi l-esponenti kkonvertew ghall-uzu taghhom xi oggetti proprjeta` ta’ l-attur afdati f’idejhom jew hallsu lil xi hadd xi ammont minn xi flus ta’ l-attur illi ma kienx dovut lil min irceva l-pagament;

"6. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda.

"Rat folio 18 r-rikors ta' l-attur u d-digriet relattiv ta’ dina l-Qorti diversament preseduta fejn talab u gie akkordat li ai termini ta’ l-Artikolu 793 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili l-kawza tinstema’ flimkien mal-kawza citazz. nru. 56/1996;

"Rat folio 72 ir-rikors tal-konvenuta Giuseppa Cassar stante l-mewt ta’ zewgha fil-mori u d-digriet relattiv taghha li ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f’isem uliedu.

"Rat is-sentenza taghha tat-28 ta’ Frar 2002, fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar, spejjez riservati ghall-gudizzju finali;

"Semghet ix-xhieda;

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"L-attur qieghed jazzjona ghar-ritorn minghand il-konvenuti jew min minnhom ta’ varji oggetti mobbli, inkluz fihom vettura u dghajsa, u r-radd ta’ somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) indebitament mehuda mill-kont bankarju mal-Mid-Med Bank (kif kien allura imsejjah) numru 714077198.

"Il-fatti fil-qosor huma kif ser jinghad:

- l-attur emigra lejn l-Istati Uniti fin-1972;

- fis-19 ta’ Settembru 1976 fil-gzira ta’ Ghawdex, l-attur izzewweg lil Maria Assunta Cassar, bint il-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar u oht il-konvenut l-iehor Anton Cassar;

- fis-sena 1982 l-attur xtara porzjoni art minghajr permessi ta’ bini;

- fi Frar 1985 infetah kont bankarju numru 714077198 mal-fergha tal-Mid-Med Bank ta’ Victoria, Ghawdex, u gew depositati Lm10,000;

- fit-8 ta’ April 1985 kienet dehret il-konvenuta Bella Cassar (sive Alda u oht mart l-attur) fuq skrittura, ghan-nom ta' l-attur, u akkwistat vettura ‘Alfa Sprint’ numru ta’ registrazzjoni H5591 u lanca numru registrazzjoni S4474 ghall-prezz komplessiv ta’ Lm4,000 li thalsu mill-kont bankarju fuq imsemmi;

- fit-3 ta’ Settembru 1985 l-attur u martu ffirmaw prokura generali favur Anthony Cassar, hu mart l-attur (il-konvenut Anton Cassar);

- fis-sena 1897 intbaghtu l-oggetti personali li tpoggew f’garaxx tal-genituri tal-mara Anthony u Giuseppa Cassar;

- fid-19 ta’ Jannar 1988 l-imsemmi prokuratur Anton Cassar hallas Lm5,000 lill-Avukat Victor Bajada u Joseph Vella “akkont tas-somma ta’ flus kostitwita bl-iskrittura tat-27 ta’ Settembru 1982”;

- fit-21 ta’ Marzu 1988 atti Nutar Michael Refalo l-istess Anton Cassar, izda li deher f’ismu personali, kien ghamel permuta fejn akkwista garaxx l-Victoria, Ghawdex, u in kontrakambju assenja u ddispona mill-vettura u l-lanca fuq riferiti. Il-prezz ghal din il-permuta kien ta’ Lm1,500;

- fid-29 ta’ Lulju 1992, sehh kuntratt iehor atti Nutar Enzo Dimech li fih deher Stephen Farrugia li deher ghannom u in rapprezentanza ta’ l-imsemmi Anton Cassar f’ismu proprju, u ddispona minn dan il-garaxx bil-prezz ta’ Lm2,500.

"Dawn huma fil-qosor il-fatti li jikkostitwixxu l-bazi ta’ din il-vertenza fejn l-attur qieghed principalment jakkuza lill-konvenut Anton Cassar, il-mandatarju tieghu, b’abbuz u frodi fl-amministrazzjoni tal-beni tieghu, irrispettivament jekk kienux jappartjenu jew le lill-kumunjoni tal-akkwisti li kien ir-regim taz-zwieg addottat, u mhux eskluz, mill-attur u martu u liema komunjoni tirrizulta illum xolta in segwitu ghad-divorzju sancit mill-Qrati fl-Istati Uniti. Fil-kuntest ta’ dan id-divorzju l-arrangament datat 17 ta’ Novembru, 1988, gie esebit f’dawn l-atti u fost affarijiet ohra fih ssir referenza kemm ghall-art sitwata gewwa Ghawdex u kemm ghal din il-kawza;

"Qabel ma’ l-Qorti, pero’, titratta din il-vertenza principali, tajjeb li jinghad, li l-oggetti personali li ntbaghtu u kienu kustoditi ghand il-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar (genituri ta’ mart l-attur) illum gew ritornati lill-attur u ghalhekk il-meritu ghal dak li jirrigwarda dawn il-konvenuti, bl-eccezzjoni tal-kap tal-ispejjez, jinsab issa ezawrit.

"Il-meritu kwindi hu llum ristrett u limitat ghall-operat tal-mandatarju Anton Cassar u incidentalment lejn martu Bella Cassar u huwa ristrett, fil-parametri tal-premessi tac-citazzjoni, ghall-vettura, dghajsa u ammont ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000), tenut kont, ovvjament l-eccezzjonijiet ta’ dawn il-konvenuti.

"Jinghad wkoll, a skans ta’ kull ekwivoku, illi din il-kawza, ghall-finijiet biss ta’ praticita’ billi x-xhieda f’wahda setghet tkun rilevanti fl-ohra, nstemghet flimkien mal-kawza citazzjoni numru 56/1996 li ser ukoll tigi deciza illum.

"Ikkunsidrat:

"Mhux in disputa li kien hemm prokura favur il-konvenut li giet moghtija mill-attur u l-allura martu u giet accettata

mill-istess konvenut. It-termini tal-mandat kien wiehed generali, u fin-nuqqas ta’ ftehim kuntrarju, jidher li kien bla hlas. L-attur qieghed isaqsi ghad-danni li jallega gew lilu prokurati minhabba ghemil doluz tal-konvenut, il-mandatarju tieghu, fit-twettiq tal-mandat. Dan l-ghemil doluz, isostni l-attur, hu manifest filli l-mandatarju agixxa f’ismu proprju meta ddispona minn proprjeta’ tal-attur, il-mandant tieghu u meta effetwa indebitament pagament ta’ Lm5,000 kontra r-rieda tal-attur.

"Il-provi in atti juru wisq car li l-konvenut deher fuq zewg kuntratti f’ismu proprju fejn fl-ewwel wiehed partat id-dghajsa u l-vettura, proprjeta’ tal-attur, ma’ garaxx li sussegwentement bieghu bhala li kien tieghu bi qliegh ta’ Lm1,000. In rigward id-dghajsa u l-vettura l-kuntratti relattivi, esebiti in atti, huma dawk tal-21 ta’ Marzu 1988 atti Nutar Michael Refalo u tad-29 ta’ Lulju 1992 atti Nutar Enzo Dimech. Jirrizulta wkoll, fil-kuntest tal-imsemmija, minn skrittura tat-8 ta’ April 1985, li l-attur kien akkwista l-imsemmija dghajsa u vettura bil-prezz ta’ Lm4,000 tramite s-servizzi tal-istess konvenut u Alda allura xebba Cassar, oht mart l-attur, u sussegwentement mart il-konvenut. Mhux kontestat li kemm id-dghajsa u l-vettura nxtraw ‘sekonda mano’ b’daqstant li jirrizulta ben car li meta gew tpartiti, il-konvenut agixxa bhal li kieku l-istess hwejjeg kienu tieghu. Issa l-mandatarju u tenut mil-ligi (Artikolu 1875 tal-Kap 16) li, sakemm ma jkunx gie espressament mehlus (u f’dan il-kaz dan minn imkien ma jirrizulta), jaghti kont lill-mandant tieghu ta’ dak kollu li jaghmel u ta’ dak kollu li jircievi bis-sahha tal-mandat; wkoll, iwiegeb lejn il-mandant, fl-esekuzzjoni tal-mandat, mhux biss ghall-ghemil doluz tieghu izda wkoll ghal negligenza (Artikolu 1874 Kap 16). Fil-kuntest ta’ dan l-obbligu tal-mandatarju l-ligi tiddisponi illi r-responsabbilita’ ghan-negligenza titqies b’mod anqas sever fil-kaz li l-mandat ikun bla hlas (ibid). Mill-fatti kif jirrizultaw ben cari mill-kuntratti esebiti din il-Qorti hi aktar propensa lejn l-agir doluz da parti tal-konvenut li mhux biss iddispona minn proprjeta’ tal-mandant tieghu izda wkoll naqas li jispjega x’ghamel bir-rikavat, ossija l-prezz, ta’ Lm2,500 meta biegh il-garaxx. Izda mhux hekk biss billi jirrizulta mill-prospett esebit minnu stess fl-atti tac-citazzjoni numru 56/1996, fuq

accennata, li ghad-dirittura rreklama dan l-ammont bhala dovut lilu. Issa l-prova ta’ kif amministra dawn l-hwejjeg u x’ghamel bir-rikavat kienet tinkombi fuqu, u fuqu biss, u c-cirkostanzi ta’ kif, l-ewwel, gie kondott l-bejgh, u sussegwentement, x’sar mir-rikavat ihallu aktar minn suspett probabbli li ma kienx kaz ta’ negligenza izda ta’ ghemil doluz bi pregudizzju ghall-mandant tieghu. U mhux hekk biss billi l-konvenut naqas wkoll li jipprova l-beneficcju li kien ser jiehu l-attur. Il-Qorti, hawnhekk, ma fehmitx l-utili li kien ser jakkwista l-attur bix-xiri ta’ dan il-garaxx aktar meta minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-attur kellu xi hwejjeg li kellhom jigu kustoditi f’dan il-garaxx gia la darba l-effetti personali tieghu u tal-volta ta’ martu kienu ghand il-konvenuti u baqghu depozitati ghandhom sakemm finalment irrestitwihom lill-attur fil-mori ta’ din l-kawza. Il-konkluzjoni, ghalhekk, li waslet ghaliha dina l-Qorti, kemm dwar il-vettura u kemm d-dghajsa, hi li l-konvenut Anton Cassar gie passibbli ghad-danni li, fil-kaz in specie, billi l-hwejjeg m’ghadhomx fil-pussess tieghu, ghandhom ikunu fi flus. Tiffissa, ‘arbitrio boni viri’, dawn id-danni fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500).

"Ikkunsidrat:

"Dwar il-pagament ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) m’hemmx dubbju li dan sar mill-konvenut mill-kont bankarju fuq riferit. Jirrizulta wkoll li l-ammont thallas lill-vendituri tal-art mill-konvenut b’referenza skrittura datata 27 ta’ Settembru 1982. L-attur ikkonferma li kien hu stess li kien ffirmaha din l-iskrittura u stqarr li ntrabat li jhallas ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) oltre l-prezz tal-art li kien gia hallas jekk u meta kienu johorgu l-permessi tal-bini fuq l-art. Kopja ta’ din l-iskrittura ma gietx esebita u l-attur stqarr li ma kellux. Esebixxa pero’ kopja tar-ricevuta rilaxxata lill-mandatarju tieghu fejn hemm dikjarat li l-pagament kien qieghed isir ‘bhala hlas akkont tas-somma ta’ flus kostitwita bl-iskrittura tas-27 ta’ Settembru 1982’.

"Illi anki fir-rigward dan il-pagament ic-cirkostanzi huma ‘suspettuzi’ u jaghtu kreditu lill-attur filli jghid li hu qatt ma awtorizza l-hlas ta’ din is-somma li jsostni ma hijiex dovuta

stante li ebda permess tal-bini ma nhareg fuq l-art. A propozitu ta' l-espressjoni 'suspettuzi' uzata minnha l-Qorti hawnhekk tissofferma u tosserva li mir-ricevuta esebita jirrizulta li l-pagament gie effettwat fid-19 ta' Jannar, 1988, fil-waqt li xi gimghat qabel l-attur stess kien ordna li jsir pagament lill-kumpanija ta' tiswija ta' vapuri u dghajjes f'Gibilta' permezz ta' cekk bankarju. Skond ix-xhud Michael Grech, li dak iz-zmien kien jahdem bhala skrivan fit-taqsima tal-'foreign exchange' tal-Mid-Med Bank, il-bank kien esegwixxa din l-ordni tal-attur izda rriverta l-flus tac-cekk bankarju fil-kont meta l-konvenut ghamel 'stop payment'. Gara li kien hemm opposizzjoni mill-bank esteru li sostna, gustament, li l-Bank lokali ma setax jannulla cekk bankarju tieghu stess u l-bank rega' konsegwentement iddebita l-kont bankarju. Jirrizulta pero' li l-konvenut fil-waqt li ghamel 'stop payment' gibed l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u ghamel il-pagament lill-Avukat Bajada bhala wiehed mill-vendituri bil-konsegwenza li meta l-Bank rega' ddebita l-kont bl-ammont tac-cekk bankarju, dan gie skopert, u l-konvenut kellu jiddepozita, minn butu, erbat elef mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4175).

"Differentement pero' ghal dak li gara in konnessjoni mad-dghajsa u l-vettura m'hemm ebda fatt sostanzjat bi provi li l-konvenut hawnhekk agixxa b'ghemil doluz. Jista' wiehed jargumenta li kien hemm negligenza da parti tieghu, u din l-Qorti hekk tghid u hi tal-fehma li kien hemm, izda ma jistax ma jinghadx u jittiehed in debita konsiderazzjoni li l-konvenut hallas minn butu l-ammont ta' Lm4175. Tenut kont ukoll li l-mandat kien minghajr hlas din il-Qorti tahseb li l-konvenut Cassar ghandu jhallas lill-attur l-ammont ta' Lm825 li tirrizulta fid-differenza bejn il-Lm5000 u l-ammont li hareg minn butu l-istess konvenut anki in vista ta' dak li l-Qorti ser tiddeciedi fil-kawza citazzjoni numru 56/1996.

"Ikkunsidrat:

"Illi hemm zewg eccezzjonijiet ta' dawn il-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar li l-Qorti jehtieg tindirizza. L-ewwel fosthom hi dik fejn eccepew li l-konvenuta mhix il-legittima kontradittrici. Fil-kuntest ta' din l-eccezzjoni, fil-

waqt li jista' jkun minnu li meta saret il-prokura, hi ma kinitx ghadha zzewget lill-konvenut Anton Cassar, ma jistax pero' jinghad li llum hu nieqes l-interess taghha f'din il-kawza anka jekk 'per accidens'. Dana minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 1329 tal-Kap 16. Dwar it-tieni eccezzjoni, f'liema hemm eccepita l-preskrizzjoni, din il-Qorti ma tirrjavizax li tista' treggi fl-Artikoli citati ossija l-Artikoli 2156 u 2157 tal-Kap 16, stante li hawn si tratta ta' hwejjeg fdati lill-konvenut Anton Cassar.

"Inghad dan jonqos biss li titratta l-kap tal-ispejjez rigward il-mobbli li kienu b'depozitu ghand il-konvenuti Anthony u Giuseppa konjugi Cassar li gew ritornati lill-attur fil-mori tal-kawza. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom esponew r-ragunijiet ghaliex m'ghandhomx jigu akkollati l-ispejjez, liema ragunijiet huma:

"(a) li agixxew korrettement li ma jindahlux fi kwistjonijiet li kienu ghaddejjin quddiem Qorti estera, u

"(b) konsegwentement, ma jippregudikawx il-posizzjoni ta' binthom fir-rigward l-istess oggetti. Din il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni li tista' timmilita favur dawn il-konvenuti stante li jekk kienu daqshekk imhassba setghu facilment, biex jezimu ruhhom minn kull responsabilita', jiddepozitaw l-oggetti taht l-Awtorita' tal-Qorti.

"Taqta'u tiddeciedi ghalhekk kif ser jinghad:

"i. li tikkundanna lill-konvenut Anton Cassar ihallas lill-attur in via ta' danni in konnessjoni l-vettura u d-dghajsa l-ammont ta' Lm2500 oltre l-ammont ta' Lm825 kif fuq inghad – komplessivment Lm3325;

"ii. tichad it-talba tal-attur fir-rigward ir-restituzzjoni tal-ammont ta' Lm5000.

"iii. konsegwentement tichad sa fejn konformi ma' din id-decizjoni l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar;

"iv. tichad wkoll l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni;

"v. tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu in konnessjoni mal-mobbli gia depozitati ghand il-konvenuti Anthony u Giuseppa konjugi Cassar stante li gie esawrit fil-mori;

"vi. tordna li l-ispejjez tal-kawza jithalsu kwantu dawk li jikkoncernaw l-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar minnhom stess; kwantu l-ispejjez li jikkoncenaw l-attur u l-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar in kwantu ghall-kwart mill-attur u tliet kwarti mill-imsemmija konvenuti;

"vii. kwantu l-ispejjez tas-sentenza preliminari tas-27 ta' Frar 2002 mill-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar fl-intier taghhom"

**L-APPELL TA' L-ATTUR JOSEPH GALEA**

2. L-attur hassu aggravat b'din id-decizjoni u interpona appell minnha ghal fini ta' riforma ta' l-istess sentenza kif ser jinghad hawn taht, jigifieri billi talab li din il-Qorti:

(1) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddikajrat lill-appellati Anton u Bella konjugi Cassar responsabbli ghall-misapproprijazzjoni doluza tad-dghajsa u karozza;

(2) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fil-kap tal-likwidazzjoni tal-valur tal-kumpens in linea ta' danni u tillikwida dan il-valur tal-kumpens tad-dghajsa u karozza ta' l-attur fis-somma ta' Lm4,000 jew somma ohra verjuri;

(3) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn iddikjara l-appellati konjugi Anton u Bella Cassar mhux responsabbli favur l-attur tas-somma intiera ta' Lm5,000, u mhux biss Lm825 minnha, u tiddikajra illi tali pagament kien kollu kemm hu indebitu u huma ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih u mhux l-attur;

(4) tirriforma l-kap ta' l-ispejjez tas-sentenza appellata u tordna l-appellati Anton u Bella konjugi Cassar ihallsu l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI**

3.1 Il-konvenuti appellati wiegbu li l-appell ta' l-attur huwa infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

3.2 Ghal dak li jirrigwarda l-interessi tal-konvenuti hlief Anton u Bella Cassar, l-appellati jsostnu li l-prezenza taghhom fl-appell kienet inutli ghax fil-fatt ebda aggravju dwarhom ma gie dirett. Ma kien hemm ghalhekk l-ebda htiega li huma wkoll jigu notifikati b'dana l-appell u wisq anqas li jigu kkundannati "ghal xi parti mill-ispejjez tal-kawza" (sic) u kwindi huma, talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3.3 Dwar l-aggravji l-ohra, il-konvenuti wiegbu in succint hekk:
(i) L-appellati Anton u Bella, konjugi Cassar, filwaqt li jirrikonoxxu li huma debituri ta' l-attur appellant fis-somma ta' Lm2,500 rikavata mill-bejgh tal-garage li jissemma' fl-atti tal-kawza fl-istess waqt pero` huma ma jaqblux mar-ragunament illi wassal lill-ewwel Qorti ghal dik il-konkluzjoni. Jghidu li dak kollu li sar min-naha ta' l-appellat Anton Cassar ma kienx jammonta ghal ghemil doluz.

(ii) Dwar il-pretensjoni attrici, apparti l-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin, din il-parti mit-talbiet ta' l-attur ghandha tigi michuda interament. Ma hemm ebda prova konvincenti li tissuffraga t-tezi attrici dwar dana l-ammont.

(iii) Ma hemm xejn x'jigi riformat mis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti akkollat parti mill-ispejjez gudizzjarji lill-attur.

**L-APPELL INCIDENTALI TAL-KONVENUTI DWAR IL-PRESKRIZZJONI**

4. Il-konvenuti fl-ewwel lok isostnu li huma kienu "qed jillimitaw" din il-parti mill-appell incidentali ghal dak li jirrigwarda t-talba ta' l-attur ghar-rifuzjoni ta' Lm5,000.

Dan l-ammont qatt ma gie "afdat" f'idejn Anton Cassar. Jekk l-attur hass li Anton Cassar ghamel hlas

indebitament hu seta' agixxa kontrih indipendentement u separatament minn kull kwisjoni jew pendenzi ohrajn li kien hemm bejniethom. L-attur, minflok, ha hdax-il sena biex jagixxi kontra Anton Cassar meta d-dritt ta' azzjoni kien allura gia` preskritt.

**KONSIDERAZZJONJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-mertu ta' din il-kawza, in segwitu ta' digriet f'dan is-sens moghti mill-Qorti ta' l-ewwel grad (ara fol. 18 tal-process), gie mismugh, trattat u deciz flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Anton Cassar v. Mary Anne Attard noe et** (Citazzjoni numru 56/96), u fil-fatt inghataw zewg sentenzi fl-istess jum. Jirrizulta wkoll li minn dawn iz-zewg decizjonijiet gie interpost appell minn Joseph Galea proprio (attur f'din il-kawza pero` konvenut fil-kawza l-ohra), u ghalhekk jidher utli u opportun li din il-Qorti tibqa' issegwi l-istess binarju stabbilit mill-ewwel Qorti.

6. Fil-korp tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, hemm rezokont car u dettaljat tal-fatti saljenti tal-kaz u kwindi ma hemmx il-htiega li l-istess fatti jigu relatati mill-gdid. L-uniku kumment minn din il-Qorti huwa li minn ezami tal-provi akkwiziti jirrizulta li fuq medda ta' mill-anqas ghaxar (10) snin, saru transazzjonijiet u kontrattazzjonijiet ta' diversi forom, tramite l-konvenuti appellati, xi whud mill-liema saru tassew ghan-nom ta' l-appellant filwaqt li ohrajn minnhom jidher illi ghalkemm suppost dawn saru wkoll ghan-nom tal-mandant (i.e. l-attur) fil-fatt ma garax hekk. Jidher inoltre sufficjentement ovvju li stante r-rabta ezistenti bejn il-partijiet kontendenti - l-attur kien mizzewweg lil bint il-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar, u l-imsemmija martu (illum divorzjata mill-attur appellant) kienet ukoll tigi oht il-konvenut l-iehor Anton Cassar - fil-bidu kien hemm atmosfera kompleta ta' fiducja ampja u reciproka bejniethom u li, maz-zmien, jidher pero` illi ccajpret talment li l-partijiet spiccaw jakkuzaw u jirrikriminaw lil xulxin b'agir frawdolenti jew negligenti, partikolarment min-naha ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Peress li hafna minn dak li sehh per via ta' fatti jistrieh fuq verzjonijiet kontrastanti hafna u jirreferi ghal numru ta' negozji, kien difficli ferm ghall-Qorti biex hija

tasal biex finalment tiddeciedi dwar il-vertenzi li nqalghu bejn il-kontendenti. Kien jidher wisq evidenti li wara li l-kontendenti ma waslux huma biex isolvu l-problemi mhawwda li holqu bejniethom, huma "waddbu" kollox f'hogor il-Qorti biex issolvihom hi fejn huma ma rnexxielhomx jaslu amikevolment. Fortunatament jirrizulta ta' lanqas illi fil-mori tal-proceduri, quddiem l-ewwel Qorti, dawk l-oggetti personali li ntbaghtu mill-attur appellant u kienu kustoditi ghand il-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar (genituri ta' mart l-attur) gew ritornati lilu, u li ghalhekk parti mill-mertu gie b'hekk ezawrit u rizolt.

Ghalhekk isegwi li l-mertu gie issa cirkoskritt ghall-operat tal-mandatarju Anton Cassar, u martu Bella Cassar fir-rigward ta' l-oggett mobbli gia` appartanenti lill-attur, kif ukoll dwar l-ammont ta' Lm5,000 (hamest elef lira Maltija) imhallsa min Anton Cassar bhala prokuratur ta' l-attur lil terzi.

7. Kif intqal *supra*, f'din il-procedura fi stadju ta' appell, jirrizulta li gie interpost appell min-naha ta' l-attur, kif ukoll sar appell incidentali da parti tal-konvenuti Anton u Bella, konjugi Cassar, dwar dik il-parti mis-sentenza fejn jinghad li Anton Cassar agixxa frawdolentement u gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm825 mill-ammont totali mhallas minnhom lill-Avukat Dottor Victor Bajada, u dan wara li l-eccezzjoni taghhom dwar preskrizzjoni kwinkwennali giet, skond huma, zbaljatament respinta.

Minbarra s-suespost, il-konvenuti appellati l-ohra talbu li huma jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, b'dana li l-ispejjez ta' dan l-appell jigu sopportati interament mill-attur.

8.1 Fid-dawl tas-suespost, ikun utili li fl-ewwel lok tigi kkunsidrata l-lanjanza dwar il-fondatezza o meno ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin sollevata mill-appellati Anton u Bella, konjugi Cassar, ghar-raguni li jekk din hija tabilhaqq fondata, allura timpingi sew fuq ir-rizoluzzjoni tal-vertenza.

8.2 Skond il-konvenuti appellati, l-"izball" ta' l-ewwel Qorti kien dak li hija naqset milli tifhem il-punt ta' natura legali "involut fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni". Skond huma, l-ammont ta' Lm5,000 qatt ma gie fdat f'idejn Anton Cassar "izda [kien] ammont li thallas minn Anton Cassar, fl-interess ta' Galea, minn fuq kont bankarju intestat f'isem l-istess Galea". Allura jekk l-attur deherlu li tali hlas minn Cassar sar indebitament, hu seta' jagixxi *ad hoc* pero` entro hames snin u indipendentement mill-pendenzi l-ohra.

8.3 Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi taht dana l-aspett hija tal-fehma li l-konvenuti appellati m'ghandhomx ragun. Kulma qed jipprovaw jaghmlu l-appellati huwa li jilghabu bil-kliem. Meta l-attur inkariga lill-konvenut Anton Cassar biex jaghmel uzu f'ismu mill-flus depozitati f'bank, dak l-ammont - Lm5,000 - li kien involut f'dik it-transazzjoni effettivament gie fdat f'idejn il-mandatarju. Kien ammont ta' flus li ghadda minn fuq isem id-depozitant ghal ghand Anton Cassar, li kellu jiddisponi minnu ghal skop specifiku. Kwindi jsegwi li l-konvenut Anton Cassar ma jistax joqghod jipprova jinheba wara stratagemma ta' timbru legalistiku biex jezimi ruhu minn kull responsabbilita` ta' ghemilu blli jinvoka favurih il-preskrizzjoni. Lanqas ghandu ragun meta jargumenta li din il-parti mid-disgwid li nqala' bejn l-attur u l-konvenut Anton Cassar setghet tat lok ghal dritt ta' azzjoni indipendentement mill-vertenzi l-ohra u b'mod allura li l-attur ma setax, kif jirrizulta invece li ghamel, li jiehu azzjoni flimkien mal-vertenzi l-ohra kollha f'daqqa. Din it-transazzjoni dwar il-pagament ta' Lm5,000 kienet parti integrali mill-mandat ezistenti bejn l-attur u l-konvenuti, li kien wiehed li jikkomprendi fih diversi operazzjonijiet, u ghalhekk <u>ma kien hemm xejn milli jzomm lill-attur milli jazzjona lill-konvenuti dwar dak kollu kien jaqa' fl-istess mandat</u>.

8.4 Minbarra s-suespost, l-ewwel Qorti kienet qieset ukoll li l-operat ta' l-imsemmi konvenut Anton Cassar kien wiehed doluz - punt li l-istess appellat qieghed jikkontesta permezz ta' l-appell incidentali tieghu - u kemm-il darba kellu jigi kkonfermat minn din il-Qorti li Anton Cassar

agixxa b'mod doluz fil-konfront ta' l-appellant Galea allura certament hija ma tasalx biex tifhem kif l-appellant Anton Cassar jippretendi li ghandha tapplika l-preskrizzjoni ghaliex in effett dak li jkun fil-fatt ghamel l-appellant bl-operat doluz tieghu jammonta ghal agir frawdolenti. L-ewwel Qorti adoperat minflok terminu anqas qawwi inkwantu rriteniet li c-cirkostanzi dwar kif sar dan il-pagament min-naha ta' l-appellat minn kont bankarju ta' l-appellant Galea kienu "suspettuzi" u waqfet hemm.

9. Biex wiehed jifhem il-kobba mhabbla *de quo*, din il-Qorti sejra ticcita minn partijiet mis-sentenza appellata in kwantu tirritjeni li r-rezokont moghti mill-ewwel Qorti dwar is-sekwenza tal-fatti u l-kummenti taghha huma fis-sostanza gusti u korretti:-
"Il-provi in atti juru wisq car li l-konvenut deher fuq zewg kuntratti f'ismu proprju fejn fl-ewwel wiehed partat id-dghajsa u l-vettura, proprjeta' tal-attur, ma' garaxx li sussegwentement bieghu bhala li kien tieghu bi qliegh ta' Lm1,000. In rigward id-dghajsa u l-vettura l-kuntratti relattivi, esebiti in atti, huma dawk tal-21 ta' Marzu 1988 atti Nutar Michael Refalo u tad-29 ta' Lulju 1992 atti Nutar Enzo Dimech. Jirrizulta wkoll, fil-kuntest tal-imsemmija, minn skrittura tat-8 ta' April 1985, li l-attur kien akkwista l-imsemmija dghajsa u vettura bil-prezz ta' Lm4,000 tramite s-servizzi tal-istess konvenut u Alda allura xebba Cassar, oht mart l-attur, u sussegwentement mart il-konvenut. Mhux kontestat li kemm id-dghajsa u l-vettura nxtraw 'sekonda mano' b'daqstant li jirrizulta ben car li meta gew tpartiti, il-konvenut agixxa bhal li kieku l-istess hwejjeg kienu tieghu. Issa l-mandatarju u tenut mil-ligi (Artikolu 1875 tal-Kap 16) li, sakemm ma jkunx gie espressament mehlus (u f'dan il-kaz dan minn imkien ma jirrizulta), jaghti kont lill-mandant tieghu ta' dak kollu li jaghmel u ta' dak kollu li jircievi bis-sahha tal-mandat; wkoll, iwiegeb lejn il-mandant, fl-esekuzzjoni tal-mandat, mhux biss ghall-ghemil doluz tieghu izda wkoll ghal negligenza (Artikolu 1874 Kap 16). Fil-kuntest ta' dan l-obbligu tal-mandatarju l-ligi tiddisponi illi r-responsabbilita' ghan-negligenza titqies b'mod anqas sever fil-kaz li l-mandat ikun bla hlas (ibid). Mill-fatti kif jirrizultaw ben cari mill-kuntratti esebiti din il-Qorti hi aktar propensa lejn l-agir doluz da parti tal-

konvenut li mhux biss iddispona minn proprjeta’ tal-mandant tieghu izda wkoll naqas li jispjega x’ghamel bir-rikavat, ossija l-prezz, ta’ Lm2,500 meta biegh il-garaxx. Izda mhux hekk biss billi jirrizulta mill-prospett esebit minnu stess fl-atti tac-citazzjoni numru 56/1996, fuq accennata, li ghad-dirittura rreklama dan l-ammont bhala dovut lilu. Issa l-prova ta’ kif amministra dawn l-hwejjeg u x’ghamel bir-rikavat kienet tinkombi fuqu, u fuqu biss, u c-cirkostanzi ta’ kif, l-ewwel, gie kondott l-bejgh, u sussegwentement, x’sar mir-rikavat ihallu aktar minn suspett probabbli li ma kienx kaz ta’ negligenza izda ta’ ghemil doluz bi pregudizzju ghall-mandant tieghu. U mhux hekk biss billi l-konvenut naqas wkoll li jipprova l-beneficcju li kien ser jiehu l-attur."

Imbaghad l-ewwel Qorti kkonkludiet li bl-agir tieghu l-konvenut Anton Cassar gie passibbli ghad-danni u 'arbitrio boni viri' ffissat l-istess danni versu l-ammont ta' Lm2,500.

10. Minn din il-parti ewlenija tal-gudikat gie interpost appell sija da parti ta' l-attur kif ukoll da parti tal-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar.

Bazikament l-attur qieghed isostni li darba rrizulta li l-prokuratur (Anton Cassar) agixxa dolozament, ikun aktar gust li l-valur shih ta' l-oggetti "misruqa" ikun jirrapprezenta l-valur tal-gurnata li fiha l-istess oggetti gew f'dati f'idejh, jigifieri fl-ammont ta' Lm4,000, u dana bhala restituzzjoni tal-prezz ta' l-akkwist ta' l-oggetti.

11. Din il-Qorti, wara li hadet kont ukoll tar-risposta ta' l-appellata, hija tal-fehma li m'huwiex il-kaz li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti ta' l-ewwel grad meta jidher li l-ewwel Qorti kellha l-provi kollha quddiemha u setghet tikkunsidra indubbjament il-fatt li hawn si trattava ta' oggetti mobbli li r-rata ta' deprezzament taghhom hija wahda qawwija *multo magis* meta l-istess oggetti kienu anke mixtrijin '*sekonda mano*'. Ghalhekk l-aggravju ta' l-attur dwar dan il-punt qieghed jigi respint.

12. Min-naha taghhom, il-konvenuti Anton Cassar u martu Bella Cassar, filwaqt li jirrikonoxxu illi huma ghandhom jaghtu l-ammont ta' Lm2,500 iffissat mill-ewwel Qorti, m'humiex pero` kuntenti bir-raguni - dik ta' agir doluz, jigifieri - li wassal lill-ewwel Qorti ghal biex tiffissa dan l-ammont per via ta' danni. Id-"dolo" htieglu jirrizulta mill-provi u mhux ikun ibbazat biss fuq mera presunzjoni, isostnu l-appellati Cassar.

Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-kontendenti, hija tal-fehma li hawn ukoll ma ssib xejn skorrett f'dak li gie konkluz u deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Bizzejjed li wiehed jislet is-silta segwenti mir-ragjonament tal-konvenuti Cassar biex jikkonkludi kemm hija fjakka t-tezi ta' l-appellati taht dana l-aspett:-
"Huwa veru illi fil-kuntratt ta' akkwist tal-garage, gie indikat illi Anton Cassar qed jakkwista personalment, izda kif gia` gie spjegat dan kien zvista u zball u mhux rizultat ta' xi ghemil doluz."

Jekk tali indikazzjoni, altament skorretta, dwar min kien tassew l-akkwirent kienet frott ta' zball jew zvista - li hija tezi improbabbli - il-konvenut Anton Cassar seta' in segwitu liberament ikkorega dana l-"izball", izda minflok jirrizulta li kollox baqa' kif kien. Fic-cirkostanzi, il-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti huma korretti u ghalhekk isegwi li anke dan l-aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

13. It-tieni aggravju ta' l-attur jirrigwarda c-cahda tat-talba tieghu ghar-rifuzjoni shiha tal-pagament indebitu fl-ammont ta' Lm5,000 maghmul mill-konvenut Anton Cassar lil terz, jigifieri lill-Avukat Victor Bajada. Ghandu jinghad ukoll li anke dwar dana l-ammont, il-konvenuti Cassar qieghdin jinterponu appell ghar-raguni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta tat "bicca ragun" lill-appellant in kwantu laqghetha "*in parte*" u kkundannathom ihallsu Lm825 mill-ammont intier.

14.1 Fil-fehma tal-Qorti, it-"tahwid" li rrenja bejn il-kontendenti u li hija ghamlet accenn ghalih fil-bidu ta' din is-sentenza mmanifesta ruhu l-aktar proprju fir-rigward ta'

dan l-ammont ta' Lm5,000. L-attur sostna li huwa ma nghatax stampa cara ta' l-operat tal-konvenut Anton Cassar u li kien ghalhekk li huwa ta ordni li jsir pagament ghall-istess ammont minn bank iehor. Il-konvenut Cassar isostni li huwa hallas dana l-ammont mill-kont bankarju ta' l-attur fuq struzzjonijiet ta' l-attur stess. L-attur isostni li l-agir tal-konvenut kien intiz biex jigi "zvujtat" id-depozitu ta' flus huwa kellu fil-bank Malti.

14.2 Jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet analisi shiha ta' din il-parti tal-vertenza u din il-Qorti, lanqas hawn, ma ssib li hemm xi konkluzjoni zbaljata. L-ewwel Qorti ghamlet debita riferenza ghall-provi li gew prodotti u partikolarment ghax-xhieda moghtija minn impjegat tal-bank lokali fejn l-attur kellu l-ammont *de quo* ddepozitat u qalet hekk, gustament fil-fehma ta' din il-Qorti:
Skond ix-xhud Michael Grech, li dak iz-zmien kien jahdem bhala skrivan fit-taqsima tal-‘foreign exchange’ tal-Mid-Med Bank, il-bank kien esegwixxa din l-ordni tal-attur izda rriverta l-flus tac-cekk bankarju fil-kont meta l-konvenut ghamel ‘stop payment’. Gara li kien hemm opposizzjoni mill-bank esteru li sostna, gustament, li l-Bank lokali ma setax jannulla cekk bankarju tieghu stess u l-bank rega’ konsegwentement iddebita l-kont bankarju. Jirrizulta pero’ li l-konvenut fil-waqt li ghamel ‘stop payment’ gibed l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u ghamel il-pagament lill-Avukat Bajada bhala wiehed mill-vendituri bil-konsegwenza li meta l-Bank rega’ ddebita l-kont bl-ammont tac-cekk bankarju, dan gie skopert, u l-konvenut kellu jiddepozita, minn butu, erbat elef mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4175).

15. Peress illi minn dan l-ammont ta' Lm5,000 jirrizulta kwindi li regghu gew ritornati fil-kont bankarju ta' l-attur l-ammont ta' Lm4,175, l-ewwel Qorti dehrilha - u fil-fehma ta' din il-Qorti korrettement - li ghandha tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-differenza li kienet baqghet skoperta, jigifieri l-ammont ta' Lm825.

Ghalhekk isegwi li kemm l-aggravju ta' l-attur kif ukoll l-aggravju incidentali tal-konvenuti Cassar relattivament

ghal din it-talba ta' l-attur huma infondati u qieghdin jigu respinti.

16. Fit-tielet u l-ahhar aggravju tieghu, l-attur isostni li "kien ikun ekwu illi ma jbati ebda spejjez" u dan, in partikolari, ghar-raguni li kien l-appellat konvenut Anton Cassar li ddefroda lill-attur, u kwindi kellu jitqies responsabbli ghal dak li gara.

Din il-Qorti jidhrilha li anke dan l-aggravju huwa infondat. Ghalkemm il-parti konvenuta kienet certament responsabbli ghall-intoppi li taw lok ghal din il-vertenza, gie ppruvat ukoll li l-attur talab u esiga hlasijiet in eccess ta' dak li kien verament jispetta lilu. Barra minn dan, li kieku l-attur gharaf jamministra flusu u hwejgu ahjar, okkorrendo minghajr l-"ghajnuna" ta' qrabatu, din il-vertenza setghet tigi facilment evitata. L-ewwel Qorti dehrilha opportun li tikkundanna lill-attur ihallas kwart (1/4) minn <u>parti</u> mill-kap ta' l-ispejjez jigifieri eskluzi dawk l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar, u fil-fehma ta' din il-Qorti, tali decizjoni hija wahda gusta.

17.1 In konnessjoni mal-kap ta' l-ispejjez, il-konvenuti l-ohra, ghajr Anton u Bella Cassar, appellaw ukoll incidentalment billi dehrilhom li huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju relattivament ghal dana l-appell in kwantu ebda aggravju ma gie dirett fil-konfront taghhom u ma kien hemm ebda htiega li jigu notifikati bl-appell.

17.2 Din il-Qorti ma taqbilx li, darba li l-atti tal-kawza ma gewx formalment ceduti fil-konfront ta' dawn il-konvenuti, ma kienx hemm htiega li jigu citati wkoll fl-appell. <u>Dawn il-konvenuti ghadhom jitqiesu parti fil-kawza.</u> Il-kwistjoni dwar jekk ghandhomx ibatu xi parti mill-ispejjez ta' l-appell (a differenza ta' parti "mill-ispejjez tal-kawza") hija kwistjoni separata. Fil-fatt dwar dan il-punt, il-Qorti sejra tipprovdi dwaru fil-mument opportuni aktar 'il quddiem.

18. Fir-rigward ta' l-appell incidentali li gie interpost mill-konvenuti Anton u Bella, konjugi Cassar, fejn dawn talbu

riforma tas-sentenza parzjali, din il-Qorti diga` esprimiet ruhha kuntrarjament. Hija gia` in fatti ddecidiet li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kienet infondata, kif ukoll li dak li ddecidiet il-Qorti ta' l-ewwel grad dwar il-kont bankarju ta' l-attur fl-ammont ta' Lm5,000 kien korrett. Ghall-kuntrarju ta' dak li gie sostnut mill-konvenuti Anton u Bella, konjugi Cassar, cioe` li l-ewwel Qorti meta rriteniet li dawn il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur l-ammont ta' Lm825 ghaliex "waqghet fit-trappola ta' argumenti fini minsuga mill-attur", l-ewwel Qorti spjegat sufficjentement ir-ragunijiet taghha li wassluha biex tiddeciedi bil-mod kif iddecidiet fir-rigward ta' dan il-hlas ta' Lm825 u ebda tip ta' "trappola", la naha u lanqas ohra, ma kienu l-veri motivi li kkonvincuha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, konkluzjonijiet pjenament kondivizi minn din il-Qorti. Isegwi ghalhekk li l-ahhar aggravju tal-konvenuti dwar il-kap ta' l-ispejjez in kwantu dawn jikkoncernaw l-ammont ta' Lm5,000 fis-sens li skond huma dawn kellhom jithallsu interament mill-attur huwa infondat ghaliex effettivament din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li dak kollu li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien gust u korrett u li s-sentenza appellata timmerita li tigi interament konfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata, tichad kemm l-appell principali interpost mill-attur, kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenuti. L-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel decizjoni jibqghu invarjati minn kif hemm deciz, filwaqt li l-ispejjez relativi ghall-appell ta' l-attur ikunu a karigu tieghu, u bl-istess mod l-ispejjez relativi ghall-appell incidentali jkunu a karigu tal-konvenuti Anton u Bella Cassar, filwaqt li l-ispejjez gudizzjarji tat-tieni istanza relativi ghall-konvenuti Anthony u Giuseppa Cassar ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuti l-ohra Anton u Bella, konjugi Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------